# PAPIET TAS-SEKLU 14

PAPA INNOCENT VI ( 1352 - 1362)

Din id-darba l-kardinali ma damux ma ghamlu l-ghazla taghhom.



Ghazlu lil Etienne Aubert li ha l-isem ta' Innocent VI. Dan twieled gewwa Les Monts hdejn Limoges minn genituri tal-klassi tan-nofs. Lahaq professor tal-ligi gewwa Toulouse, isqof ta' Noyon u aktar tard ta' Klermont sa ma fl-ahhar inhatar kardinal fis-sena 1342. Kien herqan ghar-riforma. Hadem hafna biex jregga' lura l-politika ta' hala ta' Klement. Qata' l-abbuzi finanzjarji, baghat 'l barra lil dawk li kienu gew Avignon biex japprofittaw ruhhom u ddixiplina lil ufficjali tal-qorti papali. Ma setax inaqqas hafna t-taxxa papali . U tant kien dahru mal-hajt fil-finanzi li kellu jbiegh xi pitturi, gojjelli u anke hwejjeg ohra.

Il-prestigju papali ha xejra ghal isfel minkejja l-isforzi li ghamel. Ir-re Dwardu III ta' l-Ingilterra fis-sena 1363 hareg statut imsejjah l-Istatut ta' Praemunire li kien ixekkel ir-relazzjonijiet bejn is-sudditi inglizi u s-Santa Sede. Fis-sena 1356 l-imperatur Karlu IV hareg il-bolla maghrufa bhala il-Bolla tad-Deheb li kienet tirregola l-elezzjoni imperjali, minghajr ma semma' il-papa. Anke gewwa Avignon il-Papa ma kienx fis-sigur. Il-paci li sehhet bejn Franza u l-Ingilterra poggiet waqfien temporarju tal-glied u dan baghat corma ta' nies gewwa Avignon li kienu jisirqu kemm jifilhu; u sahansitra waslu biex assedjaw il-papa. Anqas il-kardinali ma hassewhom fis-sigurta' f'sitwazzjoni bhal din.



Biex jirranga l-affarijiet imwiergha gewwa Ruma, Innocent l-ewwel baghat lil Rienzi biex igib il-kwiet u paci fil-belt, izda l-poplu qatel lit-Tribun.  Kien diga' baghat fis-sena 1353 bhala vigarju tieghu l-bniedem li kellu jgib l-ordni, l-Ispanjol Gil Alborniz, kardinal arcisqof ta' Toledo li harab mill-qorti ta' Pietru l-Krudil ghax ma setghax jikkontrolla r-rabja tieghu ghal imgieba tal-monarka. Huwa sejjah lill-barunijiet taljani u tkellem

maghhom sakemm irnexxilu li jaghmilha possibbli li papa jghix gewwa Ruma, Sfortunatament Innocent kien wisq anzjan u marid biex ikollu l-energija jithabat.

Innocent kompla fuq ix-xoghol li kien beda’ qabel Beneditttu XIII, dwar ir-riformi ta’ l-ordnijiet religjuzi. Ma tantx kellu simpatija mal-fdal ta’ patrijiet frangiskani ribelluzi. L-ahhar snin ta’ hajtu kienu ta’ tbatija billi l-pesta ghal darb’ohra regghet fegget gewwa Avignon. Miet fit-22 ta’ Settembru tas-sena 1362.  Ipprova hafna u ghamel sforzi kbar u kien papa tajjeb. Dwar dan il-papa, Santa Brigitta tatih gudizzju ahrax u tistqarr li kien traditur aktar minn Guda, ta’ qalb hazin aktar minn Pilatu u tikkunsidrah midfun gewwa l-infern. Pero’ l-istorici ma jaqblu xejn ma’ dan il-gudizzju ahrax ta’ din is-soru mistika li ghalkemm qaddisa kultant kienet tesegera fi kliemha.